MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru. 195/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**vs**

**Stephen Mercieca**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Stephen Mercieca ta' 18-il sena iben Philip u Louise Anne Dowdall imwieled il-Pieta' fit-22 ta' Gunju 1986 u residenti 181, Flat 4, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 284686(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-8 ta' Frar 2005 u xhur qabel gewwa dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu kisru dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda :

a) Iffalsifika biljetti ta' flus jew mexxa biljetti ta' flus iffalsifikati li kien jaf li huma iffalsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Fl-istess lok, hin, jiem u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess kienu falsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta' Novembru 2005 (esebita a fol. 104 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 ;

b) fl-artikolu 18, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2007, l-imputat Stephen Mercieca ddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda falsifikazzjoni u uzu minn biljetti ta' flus allegatament foloz. Mix-xhieda tal-Ispettur Stephen Gatt jirrizulta li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija li waslu sabiex jinhargu l-akkuzi odjerni fil-konfronti tal-imputat bdew fit-8 ta' Frar 2005 meta tlett zghazagh, Blane Cassar, Luke Curmi u Andrew Brincat pruvaw jixtru mill-hanut Sweet Choice li jinsab l-Imsida b'biljett tal-ghaxar liri

suspettat li kien falz. Dawn it-tlett guvintur ghall-ewwel qalu lil Pulizija li huma kienu sabu l-biljett tal-ghaxar liri li nstab fil-pussess taghhom mal-art barra t-triq izda wara xi granet qalu li kienu xtraw dan il-biljett tal-ghaxar liri flimkien ma xi flus ohra minghand l-imputat u spjegaw lil Pulizija li huma kienu avvicinaw lill-imputat wara li semghu ghidud barra l-Junior College li huwa kien ikollu biljetti tal-flus foloz. Fil-fatt dawn it-tlett guvintur kienu indikaw lil Pulizija li kienu xtraw il-flus minghand certu Steve li ma kienux jafu kunjomu u l-anqas fejn joqghod u wara li l-Pulizija ghamlet ir-ricerki taghha dwar studenti fil-Junior College b'dak l-isem sabet l-indirizz tal-imputat, gabet ritratt tieghu mill-Identity card image tieghu, wrietu lit-tlett zghazagh imsemmija u huma gharfu lil persuna fir-ritratt bhala l-persuna li minghandha kienu xtraw il-flus. Il-Pulizija talbet lil Magistrat Inkwirenti sabiex jinhareg Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfronti tal-imputat u meta dan il-mandat gie esegwit fir-residenza tal-imputat f'Tas-Sliema ma nstab xejn in konnessjoni ma flus foloz u dan anki wara li gie elevat il-kompjuter tal-imputat u xi cd's li kellu fil-kamra tieghu u giet analizzata id-data li kien hemm fihom. Nonostante cio' l-imputat gie arrestat u huwa rrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 18 et sequitur tal-atti processwali) fejn innega li qatt kellu flus foloz jew li kien biegh xi flus foloz lil Luke Curmi jew lil Blane Cassar. Fl-istqarrija huwa kkonferma biss li fil-granet li semmew dawn tal-ahhar huwa kien fl-inhawi tal-Junior College ghaliex kien student hemmhekk. Fl-istqarrija l-imputat kien indika lil Pulizija li ftit taz-zmien qabel huwa kien gie mitlub mill-propjetarju tal-hanut Ultimate, f'Bisazza Street, Tas-Sliema sabiex jara footage ta' CCTV camera sabiex jiddentifika persuni li kienu utilizzaw credit card u smart card li kienu misruqin u huwa kien idenifika lil Luke Curmi bhala wiehed min-nies li kienu jidhru fl-imsemmi footage.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehdu Blane Cassar u Luke Curmi (xhieda relattiva inserita a fol. 59 sa 64 tal-atti processwali). Dawn iz-zewg xhieda ikkonfermaw li kienu ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti taghhom rigward pussess ta' biljetti ta' flus foloz u qalu li huma kienu

ammettew l-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u li kienet inghatat sentenza fil-konfronti taghhom. Dawn iz-zewg xhieda identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li minghandu kienu xtraw il-biljett tal-ghaxar liri allegatament falz li utilizzaw sabiex jixtru xi affarijiet mill-hanut Sweet Choice meta nqabdu mill-Pulizija u qalu li kienu xtraw ukoll xi biljetti ohra allegatament foloz minghand l-imputat li kienu jafuh ghaliex kien jiffrekwenta l-bar tal-Politechnic. Meta Luke Curmi gie mistoqsi in kontro-ezami dwar jekk kienx jaf xi haga dwar incident fil-hanut Ultimate li jinsab f'Bisazza Street, Tas-Sliema huwa ghazel li ma jixhidx minhabba l-possibilita' li jinkrimina ruhu.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 106 sa 108 tal-atti processwali) fejn huwa ikkonferma dak kollu li kien qal lil Pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 18 et sequitur tal-atti processwali. Huwa filfatt rega' innega b'mod assolut li kien ghadda jew biegh xi biljetti tal-flus falsifikati lil Luke Curmi jew lil Blane Cassar u qal li lil dawn tal-ahhar kien jafhom di vista ghaliex kienu jifrekwentaw il-bar tal-Politechnic u kienu studenti bhalu fil-Junior College fiz-zmien in dizamina. Huwa inoltre qal li lil Luke Curmi kien jafu minn qabel ghaliex kienu jilaghbu l-basketball flimkien meta kienu zghar. L-imputat qal ukoll li meta l-Pulizija marru sabiex jarrestawh u jfittxu fid-dar tieghu ma sabu xejn in konnessjoni ma dak allegat fil-konfronti tieghu minn Luke Curmi u Blane Cassar. Huwa kkonferma wkoll dak li kien qal fl-istqarrija u cioe' li haseb li Cassar u Curmi involvewh fil-kwistjoni sabiex ipattuhielu minhabba li  madwar xahar qabel huwa kien identifika lil Luke Curmi f'footage ta' CCTV camera tal-hanut Ultimate bhala wiehed mill-persuni li dehru qed jeffetwaw pagament f'dan il-hanut b'credit card misruqa. Huwa spjega li kien inzerta fl-imsemmi hanut waqt li sid il-hanut kien qed jara l-footage u kien gharaf lil Luke Curmi.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Jonathan Grech Cumbo (xhieda relattiva inserita a fol. 113 sa 115) fejn dan ikkorrobora il-verzjoni moghtija mill-imputat dwar kif l-

istess imputat inzerta fil-hanut waqt li huwa kien qed jara l-footage tas-CCTV camera ghaliex kien gie mitlub mill-Pulizija sabiex jipprova jiddentifika l-persuni li kienu utilizzaw credit card misruqa u l-istess imputat gharaf xi persuni li kienu jidhru qed jutilizzaw tali card. Ix-xhud izda ma ftakarx l-isem tal-persuni identifikati u qal li huwa kien ghadda l-informazzjoni lil Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta immedjatament li l-Prosekuzzjoni qed issus il-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat fuq ix-xhieda ta’ Luke Curmi u ta’ Blane Cassar. Dan jinghad ghaliex mill-provi bl-ebda mod ma jirrizulta li instabu xi biljetti foloz fil-pussess tal-imputat jew fir-residenza tieghu jew altrimenti xi apparat li jista’ b’xi mod jigi konness mal-falsifikazzjoni tal-flus. Il-Qorti jidrilha li l-imputat rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li dawn iz-zewg xhieda involvewh fl-istorja wara li nqabdu mill-Pulizija fil-pussess ta’ biljetti tal-flus foloz sabiex ipattuhielu minhabba li huwa kien identifika lil wiehed minnhom, u cioe’ lil Luke Curmi, f’footage ta’ CCTV camera bhala persuna li kien qed jutilizza credit card misruqa. L-imputat l-ewwel indika din ir-raguni lil Pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija, huwa ikkonfermaha meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti u inoltre dan il-fatt gie pjenament korroborat minn Jonathan Grech Cumbo meta dan tal-ahhar xehed f’dawn il-proceduri. Irid jigi rilevat li Luke Curmi ghazel li ma jirrispondix stante l-possibilta’ li jinkrimina ruhu meta in kontro-ezami gie mistoqsi dwar l-incident fil-hanut Ultimate. Irid jigi rilevat inoltre li Luke Curmi u Blane Cassar meta nqabbdu mill-Pulizija ghall-ewwel qalu li kienu sabu l-biljett tal-ghaxar liri mal-art u kien biss wara jumejn lli huma semmew lill-imputat. Minhabba dawn il-fatturi kollha appena elenkati l-Qorti thoss li ma tistghax tistrieh fuq ix-xhieda moghtija minn Luke Curmi u Blane Cassar.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna li l-flejjes esebiti f’dawn l-atti jigu konfiskati u depozitati l-Bank Centrali ta’ Malta bhala depozitu centrali tal-flejjes foloz misjuba hawn Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------